***PARROĊĊA SAN ĠUŻEPP – KALKARA***

***IT-TWETTIQ TAL-PJAN PASTORALI 2009-2011***

# *"META NINTREFA' 'L FUQ MILL-ART JIEN NIĠBED IL-BNEDMIN KOLLHA LEJJA" (ĠW 13,32)*

***Rapport ta' sena għall-Assemblea Parrokkjali 2010***

## PJAN PASTORALI GHALL-PARROĊĊA TAL-KALKARA 2009-2010

## DAĦLA GĦAR-RAPPORT

**Il-Pjan Pastorali Parrokkjali 2009-2010 ikompli il-mixja fit-twettiq tas-Sinodu Djoċesan. L-Assemblea Parrokkjali ta' 13 ta' Diċembru trid tagħmel valutazzjoni tal-ħidma li saret matul din it-tieni sena tal-Pjan, kif ukoll tħares □il-quddiem lejn it-tielet sena tal-Pjan.**

## KNISJA

**Il-Knisja f'Malta qed tgħix it-tema proposta mill-Arċisqof għall-Pjan Pastorali - *"Meta nintrefa' l fuq mill-art, jen niġbed il-bnedmin kollha lejja"* billi, matul 2009-2011, taħdem biex tkun dejjem aktar:**

I. **Knisja li tinbena f'komunita` ta' dixxipli ta' Ġesu` Kristu**

II. **Knisja li tirċievi u twassal il-Kelma**

III. **Knisja li tiċċelebra l-għaqda ma' Alla u ma' xulxin**

IV. **Knisja li taqdi u taħdem għall-ġustizzja**

V. **Knisja favur iż-żwieġ u l-familja**

VI. **Knisja b'post speċjali għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ**

## PARROĊĊA

**Il-Parroċċa bħala ikona li tiggwidana f'dawn it-tlett snin qed tieħu is-salib ta' San Damjan li kellem lill San Franġisk u matul dawn it-tlett snin qed niffukaw fuq dawn it-tlett valuri:**

I. **2008-2009 : KONVERŻJONI**

II. **2009-2010 : KOMMUNJONI**

III. **2010-2011 : MISSJONI**

**2009-2010 : KOMUNJONI**

**Matul din sena fittixna li nikbru fl-ispirtu ta' għaqda bejnietna, b'mod speċjali l-insara impenjati u anki f'okkażjonijiet fejn il-Knisja tippreżenta wiċċha għall-pubbliku bħal fi żmien il-festa Parrokkjali. Għalhekk matul din is-sena pastorali fittixna li ngħixu is-sentenza ta' San Franġisk: Il-Mulej tani l-aħwa.**

**Marbutin mat-tema tal-Konverżjoni daħħalna dawn il-valuri:**

I. **Knisja li tinbena f'komunita` ta' dixxipli ta' Ġesu` Kristu`**

II. **Knisja li tiċċelebra l-għaqda ma' Alla u ma' xulxin**

**Dawn iż-żewġ valuri ġew mifruxa fuq tlett livelli:**

I. **Aħwa fuq livell personali**

II. **Aħwa fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Parroċċa**

III. **Aħwa fil-qadi ta' l-oħrajn**

## I. Aħwa Fuq Livell Personali

| |
|---|
| **Jissaħħu l-gruppi li jeżistu fejn wieħed jista jagħmel esperjenza personali ta' fraternita` nisranija.**<br><br>*Kummissjoni Żgħażagħ*<br><br>*Saru diversi attivitajiet, fosthom: parteċipazzjoni f'attivitajiet marbuta maż-żjara tal-Papa Benedittu XVI f'pajjiżna, Live-in bil-għajnuna tal-KDŻ li għalih attendew tmien żgħażagħ, fis-sajf organizzaw skola sajf għall-abbatini ż-żgħar tal-parroċċa u tfal oħrajn. Bl-iskop li l-grupp jingħaqad iżjed, matul is-sena saru diversi ħarġiet, mixjiet u okkażżjonijiet ta' divertiment flimkien, anki weekend Għawdex. Fir-Randan ġew organizzati l-eżerċizzi tar-Randan li marru tajjeb. Naqsu xi ftit l-attivitajiet spiritwali. Fl-aħħar tas-sajf, il-Kummissjoni Żgħażagħ għaddiet minn żmien diffiċli minħabba li kien hemm nuqqas ta' qbil. Kawża ta' dan, xi membri ħallew il-grupp u n-nuqqas tagħhom inħass ferm.*<br><br>*Jinħass il-bżonn ta' post iżjed stabbli w attrezzat fejn iż-żgħażagħ jistgħu jiltaqgħu. Għas-sena li ġejja l-grupp irid jaħdem iżjed fuq: il-komunjoni - b'iskop li tikber l-għaqda bejniethom; il-missjoni billi jfittxu membri ġodda; l-ispiritwalita - billi jkun hemm iżjed ħin ta' talb u riflessjoni.* |
| |
| **Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali jiġi ristrutturat biex ikun ambjent fejn tassew wieħed jikber u jkabbar is-sens ta' fraternita`.**<br><br>*Biex jintlaħaq dan il-għan saru diversi attivitajiet fosthom laqgħa spiritwali għal membri w adorazzjoni għal membri u l-familjarji tagħhom fil-kappella ta' San Niklaw ġewwa Marsaskala. Il-membri ġew ukoll mistiedna biex jieħdu sehem f'Quddiesa li saret qabel il-festa ta' San Ġużepp.*<br><br>*Dawn l-attivitajiet huma mportanti għal kull membru tal-Kunsill biex hekk huma jkunu sostnuti fil-ħidma tagħhom kemm fil-parroċċa kif ukoll fl-għaqdiet tagħhom.* |
| |
| **It-tfal tad-duttrina jiġu mħarrġa b'eżerċizzji sempliċi fl-ispirtu ta' fraternita`.**<br><br>*It-tagħlim tad-duttrina għadu jsir prinċiparjament biex it-tfal jiġu mwassla u ppreparati sabiex jirċievu s-Sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof.*<br><br>*Iżda issa qiegħed isir aktar enfasi li t-tagħlim juri lit-tfal kif għandha tkun il-ħajja nisranija. F'dan ir-rigward il-metodu tat-tagħlim tad-duttrina qiegħed jiġi aġġornat minn żmien għall-żmien biex ikun jista jintlaħaq dan il-għan. B'din is-sistema l-ġdida t-tfal jieħdu sehem aktar attiv waqt il-lezzjoni permezz ta' diversi attivitajiet bħal 'crafts', 'powerpoints' u mezzi oħra biex filwaqt li l-lezzjoni tkun aktar interessanti l-messaġġ jasal b'mod aktar effettiv.*<br><br>*B'rabta ma dan, saru wkoll diversi attivitajiet matul is-sena biex it-tfal jifhmu aktar xi jkun qiegħed jiġri matul il-kalendarju liturġiku.* |
| |

| |
|---|
| **Naraw min huma n-nies li jħossu li huma maqtugħa / mkeċċija mill-komunita` u jsir sforz biex jerġgħu jiġu integrati.**<br><br>*Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali organiżża quddiesa fil-bitħa ta' Dar il-Wens għaliex jinħass li hemm bżonn li dawn il-persuni jkunu parti integrali mill-parroċċa.* |
| |
| **Isiru attivitajiet ta' fraternita` f'ambjenti maqtugħin tal-Parroċċa.**<br><br>*Saru diversi inizzjativi – fosthom: quddiesa barra fl-okkażżjoni tal-attivita marbuta ma' Puttinu Cares. Quddiesa oħra saret x-Xatt u ġiet organiżżata mill-Grupp Kariżmatiku Emanuel. Kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar issir Quddiesa fil-Kappella tas-Salvatur.*<br><br>*Apparti l-quddies sfortunatament ma tantx saru attivitajiet oħra. Kienet sabiħa ferm l-attivita' imtella mill-Grupp tal-Voluntiera tal-Knisja w oħrajn magħrufa bl-isem ta' "Il-Fiera tas-Salvatur". Jidher li din l-attivita qed tintlaqa' tajjeb.* |

## II. Aħwa fiċ-Ċelebrazzjoniet

| |
|---|
| **L-aqwa post fejn niskopru li aħna aħwa huwa l-quddiesa. Naħdmu biex il-quddiesa ssir verament mument ta' fraternita`.**<br><br>*Ma sar xejn .* |
| |
| **Il-Kummissjoni Festa taħdem biex mill-festi jonqos għal kollox kull sens ta' pika, tgħajjir u imġieba li ma tixraqx il-familja nisranija, sew fi żmien il-festa imma anki f'mumenti oħrajn.**<br><br>*Għad jonqos ħafna x'isir. Kien hemm inizjattivi pożittivi. Imma ġieli nerġaw immorru lura.* |
| |
| **Il-festa jsir sforz biex ikun tassew moment ta' fraternita`.**<br><br>*Qiegħed isir sforz mill-każini imma għadna maqsumin u hemm min jara il-pika u t-tajjir bħala essenzjali għall-festa.* |
| |
| **Il-qrar jiġi ppreżentat iżjed bħala s-sagrament ta' rikonċiljazzjoni, li jagħmilna aħwa u jsiru mumenti partikulari ta' ċelebrazzjoni tar-rikonċiljazzjoni matul is-sena.**<br><br>*Ma sarx għax hemm il-biża li n-nies ma tigix. Hemm bżonn li jinstab post fis-sagristija fejn wieħed ikun jista jqerr fil-privat.* |
| |
| **Il-Kappillan ikun b'xi mod preżenti għal ċelebrazzjonijiet fil-Knisja ta' Santa Liberata u l-Patrijiet Kapuċċini jiġu mistiedna jmexxu ċelebrazzjonijiet fil-Parroċċa.**<br><br>*Saru diversi ċelebrazzjonijiet kemm fil-Knisja ta' Santa Liberata kif ukoll fil-knisja parrokkjali fosthom: fil-festi ta' Santa Liberata u ta' San Frangisk. Iċ-ċelebrazzjoni ta' Corpus fil-knisja parrokkjali titmexxa min patri kapuċċin.* |
| |
| **Fil-gruppi ta' l-Abbatini u l-Kor isir impenn biex jidħol l-ispirtu ta' familja u komunjoni.**<br><br>*Għad jonqos x'isir.* |
| |
| **Il-liturġija trid tinħass iżjed bħala ċelebrazzjoni ta' familja.**<br><br>*Xi drabi l-liturġija tinħass formali zzejjed u iżjed mehdijin bid- drawwiet.* |

## III. Aħwa fil-Qadi ta' l-Oħrajn

| |
|---|
| **Il-Kummissjoni Djakonija tiddentifika għadd ta' nies li se tipprova tkun aħwa għalihom matul din is-sena bil-għan li huma jintegraw ruħhom b'mod sħiħ fil-ħajja tal-parroċċa.**<br><br>*Bl-iskop li jintlaħaq dan il-għan, għall-quddiesa tan-Novena tal-Milied, ġew mistiedna r-residenti ta' Dar il-Wens. Wara il-quddiesa sarilhom riċeviment żgħir fis-Sala Parrokkjali. Ġiet iċċelebrata quddiesa fil-Kappella tas-Salvatur u għaliha ġew mistiedna r-residenti tal-inħawi. Wara l-quddiesa kien hemm riċeviment żgħir għal dawk li attendew. Fi żmien il-Milied, fil-Knisja tpoġġiet siġra tal-Milied u r-rigali li tpoġġew taħta ngħataw lill-Istitut Sagra Familja ta' Ħaż-Zabbar. Fi żmien il-Festa Titulari, fl-ewwel Jum tal-Tridu li kien iddedikat għall-morda u l-anzjani, ġiet iċċelebrata quddiesa li għaliha kienu mistiedna l-anzjani u l-morda li jgħixu l-Kalkara, l-anzjani li qegħdin St Vincent de Paule, kif ukoll ir-residenti ta' Dar il-Wens. Wara l-quddiesa sar riċeviment fis-Sala Parrokkjali. Il-membri tal-Kummissjoni kienu diżappuntati bil-kbir għax, minħabba f'nuqqas ta' transport, minn St Vincent de Paule ma ġie ħadd.*<br><br>*Fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied, tal-Għid u tal-Festa Titulari, il-membri tal-Kummissjoni żaru lill-ħutna Kalkariżi li jgħixu f'diversi residenzi għall-anzjani f'Bormla, Attard, Rabat, Birkirkara, Zejtun, Marsaskala, Pieta` u Gwardamangia. Huwa ta' sodisfazzjon kbir għal membri tal-Kummissjoni li dawn iż-żjajjar jiġu apprezzati ħafna mill-anzjani tagħna. Matul dawn iż-żjajjar l-anzjani jingħataw tifkira tal-okkażjoni.* |
| |
| **Jiġi msaħħaħ iċ-Ċentru ta' l-Anzjani.**<br><br>*Tkomplew b'mod regolari l-laqgħat li jsiru kull xahar għall-anzjani tal-Parroċċa. Dawn il-laqgħat jiġu organiżżati mill-grupp Caritas fi ħdan il-Kummissjoni Djakonija. Huwa ta' sodisfazzjon li l-attendenza qed tkun sodisfaċenti.* |
| |
| **Jitkomplew iniżjattivi li bdew u ħadmu is-snin ta' qabel.**<br><br>*Jista jingħad li ħafna mill-ħidma tal-Kummissjoni Djakonija issa daħlet b'mod permanenti fil-kalendarju tal-Kummissjoni. Taħdem kemm taħdem fil-kamp tad-Djakonija qatt m'hu biżżejjed. Filwaqt li l-membri tal-Kummissjoni huma konxji li d-dover tagħhom għaż-żmien li ġej huwa li jaraw li l-ħidma titkompla, huma jħossu li għandhom ikunu kreattivi f'dak li għandu x'jaqsam mal-introduzzjoni ta' servizzi ġodda li jistgħu jwettqu fi ħdan il-Parroċċa b'risq id-diversi bżonnijiet ta' ħutna l-Kalkariżi.* |